# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem:___________________________________ Klassi:__________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(1) | F(2) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 6 | 6 | 6 | 12 | 18 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

### L-annimali u d-drittijiet tagħhom



F'kull pajjiż tad-dinja, kemm jekk pajjiż kiesaħ jew sħun, jgħixu xi razez ta' annimali differenti. Kull annimal ikollu l-ambjent tiegħu fejn jista' jgħix. Issib annimali li jgħixu biss f'pajjiżi fejn hemm ħafna xemx, bħall-fkieren ta' l-art, u oħrajn li jgħixu fil-baħar biss, bħall-ħut, u ssib oħrajn li maħluqin biex jiġu mrobbija bħala *pet* id-dar bħal, ngħidu aħna, il-qtates u l-klieb. *(par. 1)*



Hu x'inhu l-annimal, sew jekk *pet* u sew jekk jgħix f'pajjiż kiesaħ jew mhux, għandu dritt jgħix ħajja ħielsa. Dan ifisser li l-annimali m'għandhomx jiġu maħqura mill-bniedem, kemm fix-xogħol tal-biedja kif ukoll f'dak li hu ikel. *(par. 2)*

Hija ħaġa sabiħa li ċerti razez ta' annimali, bħal qtates u klieb, jiġu mrobbija bħala *pet*. Dawn jistgħu jservu ta' kumpanija għall-bniedem, kif ukoll ta' kenn għalihom stess li jkollhom saqaf fuq rashom. Għalkemm ikunu qed jiġu mrobbija bħala *pet* taħt saqaf, dawn għandhom jingħataw ikel biżżejjed u jinżammu ndaf. *(par. 3)*

L-annimali huma ħolqien t'Alla, għalhekk dawn għandhom ikollhom dritt għal ħajja ħielsa u bla ebda tfixkil mill-bniedem. Qatt m'għandha titneħħa ħajjet annimal għal xejn b'xejn jekk mhux għal skop ta' ikel, bħal fniek u tiġieġ. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-annimali li dalwaqt jiġu estinti minn fuq wiċċ id-dinja, bħal fkieren u razez ta' għasafar, speċjalment meta dawn jinqabdu intortament. *(par. 4)*

B'hekk nindunaw li l-annimali jistgħu jkunu ta' ġid għalina u m'huma ta' ebda tfixkil għall-bniedem. Għall-kuntrarju, iżommulna kumpanija u jagħtuna ċertu ikel bżonnjuż għal ħajjitna. Għalhekk, nindunaw li l-annimali wkoll għandhom ħajja sabiħa bil-problemi tagħha; insomma l-istess bħalna l-bnedmin. *(par. 5)*

(Addattment minn artiklu ta' Ramona Portelli li deher f'*Sagħtar,* Mejju 1997)

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Semmi annimal li mhux *pet,* li għandu bżonn ambjent differenti fejn jgħix. *(par. 1)*

   ______________________________ (1)

2. Xi dritt għandu annimal u x'm'għandux jagħmillu l-bniedem? *(par. 2)*

   ______________________________

   ______________________________ (2)

3. Agħti żewġ raġunijiet għala tkun sabiħa li ċerti annimali jiġu mrobbija bħala *pets*. *(par. 3)*

   ______________________________

   ______________________________ (2)

4. Meta tista' titneħħa ħajjet annimal skond din is-silta? *(par. 4)*

   ______________________________ (1)

5. Lil min għandha tingħata attenzjoni speċjali? *(par. 4)*

   ______________________________ (1)

6. Kif jistgħu jkunu ta' ġid għalina l-annimali? Agħti raġuni waħda. *(par. 5)*

   ______________________________

   ______________________________ (1)

7. Kieku kellek tkun annimal, x'tixtieq li tkun u għaliex?

   ______________________________

   ______________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### 1. ANALIŻI TESTWALI

Iżommul**na** kumpanija u jagħtu**na** ċertu ikel bżonnjuż *(par. 5)*
Għalxiex qed jirreferi l-pronom **na** fil-kliem *iżommul**na*** u *jagħtu**na***?

______________________________ (1)

### 2. LESSIKU/VOKABULARJU

Agħti kelma oħra flok dan il-kliem li nsibu fis-silta.

| | |
|---|---|
| a) ħielsa *(par. 2)* | |
| b) estinti *(par. 4)* | |
| ċ) bżonnjuż *(par. 5)* | |

(3)

3. **SINTASSI/SENTENZI**

Biddel is-sentenza iżda żomm l-istess tifsira:
L-annimali huma ħolqien t'Alla, għalhekk dawn għandhom dritt għal ħajja ħielsa.

Minħabba li ____________________________________________

____________________________________________ (2)

4. **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

(i) a) Nom Maskil Singular mill-ewwel paragrafu ____________

b) Aġġettiv mit-tieni paragrafu ____________

ċ) Is-Singular ta' *razez (par. 3)* ____________ (3)

(ii) Imla l-vojt kif meħtieġ:

| **Aġġettiv** | **Komparattiv** | **Superlattiv** |
|---|---|---|
| tajjeb | itjeb | ____________ |
| għoli | ____________ | l-ogħla |
| ġeneruż | iżjed ġeneruż | ____________ |

(3)

(iii) Ikteb fil-Plural:
Jgħix f'pajjiż kiesaħ.

Jgħixu f' ____________________________________________. (2)

Ikteb fil-Femminil:
Għandu dritt jgħix ħajtu ħielsa.
Għandha dritt ____________________________________ ħielsa. (2)

(iv) Ikteb kelma oħra li tfisser l-istess:
eż: vaganza - btala

anzjana ____________ domanda ____________

ferħ ____________ kulur ____________

pjazza ____________ ajruport ____________ (6)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

(i) Għaqqad il-qwiel li ġejjin u iktibhom taħt:

a) Alla skond — bieb u jiftaħ mija.
b) Alla jagħlaq — bit-tama jmut bil-piena.
ċ) Min jgħix — il-muntanja jagħtiha s-silġ.

a) ____________________________________________

b) ____________________________________________

ċ) ____________________________________________ (3)

(ii) Ngħidu *abjad karti*. Kompli dawn l-idjomi billi tikteb kulur:

a) ____________________________ mewt

b) ____________________________ ħaxix

ċ) ____________________________ peprin (3)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

**Bijografija ta' għalliem.**

Imla l-vojt bi kliem xieraq:



Jiena bdejt ____________________ tiegħi f'din l-iskola stess. Mort l-Università u għamilt il-kors ta'____________________. Għallimt f'diversi rħula kemm f'____________________ kif ukoll f'Għawdex. Nipprova nifhem lit-tfal u nurihom kemm it-__________________ hu importanti għall-futur. Jien miżżewweġ u għandi ____________________ itfal. Inħobb nara t-televixin, ____________________ u nimxi fil-kampanja.

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (6 marki)

a) Għid x'tifhem b'folklor.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

__________________________________________________________ (3)

b) X'kien is-suġġett tal-proġett tiegħek dwar il-folklor?

____________________________________________________________

__________________________________________________________ (1)

ċ) Għaliex huwa importanti li nkunu nafu dwar il-folklor?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

__________________________________________________________ (2)

## F. LETTERATURA (30 marki)

1. POEŻIJA – NADRIET 1.

(i) Aqra din is-silta minn **Tifħira lil Malta** ta' Ġan Anton Vassallo u wieġeb.



Fik il-qronfla, fik il-warda
Biex tħawwilhom l-anġli ġiet,
Imkien ġmielhom, imkien bħalhom,
Fihom riħa tas-smewwiet.

Ġewwa fik, O Gżira tagħna,
Ħlief il-ħlewwa ma tidhirx;
U kif le, jekk ismek, ismek
Ħlief il-għasel ma jfissirx?

a) Din il-poeżija hija mibnija fuq il-kwartini Iva ☐ Le ☐ (1)

b) F'parti oħra mill-poeżija l-poeta jsemmi l-frott bnin Malti. Agħti l-isem ta' frotta minnhom.

_______________________________________________ (1)

ċ) Mis-silta sib żewġ kelmiet li jirrimaw.

_______________________________________________ (1)

d) Xi jfisser isem Malta skond il-poeta?

_______________________________________________ (1)

e) Imla l-vojt.
Din hija poeżija *pat* _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ miktuba mill-poeta *ro* _ _ _ _ _ _ _ _ Ġan Anton Vassallo. (2)

(ii) Iż-żewġ poeżiji, *Ritratt ta' Toninu man-Nanna* ta' Anastasju Cuschieri u *Lil Ommi* ta' Rużar Briffa jitkellmu dwar ir-relazzjoni ta' persuna ma' membru tal-familja. Agħżel **WAĦDA** u ikteb dwarha. (Ikteb madwar sitt linji.) (6)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. **PROŻA.**

(i) **STEJJER TAL-LINKA - SEDQA**

a) Ikteb żewġ ħwejjeġ li jiġru kif idoqqu s-sagħtejn u nofs fil-ġrajja *Spiċċat L-iskola*.

______________________________________________ (2)

b) Fil-poeżija *X'nixtieq insir la nikber*, it-tifel xtaq isir…

raġel oħxon ☐ kanun ☐ kantant ☐ (1)

(ii) **FRA MARTIN U NOVELLI OĦRA** ta' Ġużè Chetcuti.

a) X'kien imur jagħmel kull filgħodu Fra Martin?

______________________________________________ (1)

b) Fl-istorja *IL-KARUS*, għaliex Majsi kien sab ħames liri nieqsa fil-karus?

______________________________________________ (1)

ċ) Ma' min kien jgħix Toninu, u fejn kienu joqogħdu?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2)

(iii) **STEJJER MINN TARF IR-RAĦAL** ta' Ġorġ Borġ.

a) X'kien jiġri ta' kuljum taħt it-tieqa tas-sinjura Lwiża?

______________________________________________ (1)

b) Mojra qatgħet xewqitha meta ______________________________________________

______________________________________________ (1)

ċ) Meta l-għada tal-posta mar għand ix-xiħ tal-bastun, sab li kienu ġraw żewġ affarijiet. X'kienu?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

(iv) **META JAQA' Ċ-ĊPAR** ta' Trevor Żahra.

John u Helen kienu żewġt aħwa li niltaqgħu magħhom fil-ktieb *Meta Jaqa' ċ-Ċpar*.
Ikteb madwar sitt linji fuq xi avventura li għaddew minnha dawn iż-żewġt aħwa.

**JEW**

F'madwar sitt linji ikteb dwar kif irnexxielhom John, Pawlu, Helen, Marthese, Salvina u Frankie jaħarbu minn taħt idejn il-Kaptan Vitali bl-għajnuna tal-kelba Ġira.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

______________________________________ (7)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn.
(Ikteb fuq karta separata)



1. It-triq fejn noqgħod.
2. Li kieku kont…
3. Kif inħobb inqatta' l-ħin liberu tiegħi.
4. L-akbar ħabib/ħabiba tiegħi.
5. Ħdejn il-baħar f'ġurnata sajfija.